**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Jannar, 2018

Rikors Guramentat numru : 148/15 AL

**A B**

**Vs**

**C B (I.D. 498674 (M)),**
**Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-4 ta' Jannar 2017 gew kjamati fil-kawza G Z u M S bhala werrieta tal-mejta N P B u J Z**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-esponenti kien mizzewweg ma N P B li mietet fit-3 ta' Novembru 2007;

Illi wara li l-attur u d-defunta N P B sseparaw *de facto* N P B kellha tifla C B li twieldet fit-8 ta' Ottubru 1974 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dokument A;

Illi l-esponenti u omm l-intimata C B kienu sseparaw permezz ta' sentenza ta' separazzjoni personali tal-31 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet *A B vs N P B* minn fejn jirrizulta li l-konjugi B kienu ilhom separati *de facto* mis-sena 1970 u cioe' ftit xhur wara li kienu zzewwgu (Dokument B);

Illi l-esponent qatt ma ezercita' l-poter ta' missier, qatt ma rikonoxxija bhala bintu u omm l-intimata qatt ma tablet manteniment ghat-tifla;

Illi effettivament u kif anke ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, ir-rikorrent qatt ma kellu relazzjoni mal-intimata C B u qatt ma kien figura paterna f'hajjet l-imsemmija intimata;

Illi dan kollu jista' jigi pprovat b' testijiet genetici appoziti;

Illi l-attur ma huwiex il-missier naturali tal-intimata C B u ghalhekk hemm bzonn il-korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha;

Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghal din il-kawza permezz ta' digriet tat-23 ta' Gunju 2015 kopja tal-liema qed tigi annessa u mmarkata Dokument C;

Talab tenut kont tas-suespost li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-intimata C B ma hijiex t-tifla naturali tal-attur;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-intimata C B certifikat numru erbat elef disa' mija u sitta u tmenin tas-sena elf disa' mija u erbgha u sebghin (4986/1974) sabiex il-paternita' tal-intimata tigi korrettament rispekkjata fl-istess att billi fil-kolonna fejn jinstabu mnizzlin il-konnotati tal-attur, jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf' jew b' konnotati tal-missier naturali tal-intimata jekk jirrizulta fil-mori tal-kawza.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-konvenuta C B;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol. 22)

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti teċċepixxi li b'effett senjatament **tal-Artikolu 75 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa indispensabbli għall-benefiċċju ta' l-integrità tal-ġudizzju illi għandhom jiġu msejħa kjamati fil-kawża l-werrieta tad-defunta N P B ai termini tal-**Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għal kull interess li jista jkollhom;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea preliminari ukoll, nonostante li r-rikorrent għamel referenza fir-rikors promotur għal fatt illi hu diġa kiseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex *"jipproċedi għal din il-kawża permess ta' digriet tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju 2015, kopja tal-liema qed tiġi annessa u mmarkata Dokument C",* mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqes d-digriet surreferit. Għaldaqstant f'għajnejn l-esponenti din l-azzjoni tiqba intempestiva sakemm jiġi esibit Dokument C kif riferit fir-rikors in riposta, stante l-fatt li gia la darba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-wild C B, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-

Familja) ai termini tal- **Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tal-partijiet ikkonċernati, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal proċediment tal-azzjoni odjerna;

4. Illi in vena preliminari, bla ħsara għall-premess, trattasi minn kawża ta' *denegata paternità,* r-rikorrent jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu, ikun idoneju illi din l-Onorabbli Qorti joġobha tordna li jiġu mwettqa testijiet ġenetiċi fuq il-partijiet ikkonċernati ai termini tal**-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi dwar il- paternità tal-intimata C B, u liema rapporti għandhom jkunu ġuramentati mit-tekniku li jkun wettaq l-imsemmija testijiet;

6. Illi bla ħsara, fl-istess waqt ir-rikorrent jrid ukoll jegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta' l-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juri li l-pussess ta' stat tal-intimata C B ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tagħha, li jġib in-numru progressiv erbat elef, disa' mija, sitta u tmenin (4986) tas-sena elf, disa' mija, erbgħa u sebgħin (1974);

7. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponenti xorta waħda tħoss li huwa fl-aħjar interess tal-intimata C B, illi jekk huwa magħruf, jiġi żvelat l-isem eżatt tal-missier naturali tal-intimata, ħalli b'hekk il-missier naturali rispettiv tal-imsemmija jkun jista jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Di fatti huwa opportun u xieraq li l-intimata tal-inqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li tintlaqa' l-eċċezzjoni numru sebgħa (7) surreferita tal-esponenti, l-esponenti

tinvita lill-missier naturali tal-intimata C B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieldet l-intimata C B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija intimata, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet l-intimata C B. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferita C B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv erbat elef, disa' mija, sitta u tmenin (4986) tas-sena elf, disa' mija, erbgħa u sebgħin (1974);

9. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-intimata għandha tispeċifika b'mod definittiv liema kunjom ha tassumi a tenur tat-tieni proviso **tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

10. Illi inoltre, bla preġudizzju, fit-talba tiegħu r-rikorrent ma talabx sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrent fuq l-att tat-twelid relattiv. [*Enfasi tal-esponenti*]. Huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li huwa vestit bis-setgħa li jirreġistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Ċivili a tenur ta' l-**Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. It-talba kif postulata mir-rikorrent ma titlob l-ebda obbligu da parti ta' l-esponenti. Isegwi għalhekk li t-talba f'dan ir-rigward kellha ssir fis-sens fejn *"jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid tal-intimata C B";*

**11.** Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tal-intimata C B, li jġib in-numru progressiv ta' erbat elef, disa' mija,

sitta u tmenin (4986) tas-sena elf, disa' mija, erbgħa u sebgħin (1974);

**12.** Illi mingħajr ħsara għas-suespost għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponenti tistqarr illi mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni hija tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**13.** Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponenti u kwindi hija m'għandiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**14.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuti C B, G Z, M S u J Z debitament notifikati ma ppreżentaw ebda risposta ġuramentata u għalhekk huma kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Rat illi permezz ta' dikjarazzjoni fil-verbal tad-19 ta' Jannar 2017[1], il-konvenuta C B irreġistrat ammissjoni għat-talbiet attriċi.

Rat illi permezz ta' dikjarazzjoni fil-verbal tal-20 ta' Ġunju 2017[2], il-konvenuta C B ddeċidiet illi kunjomha jkun Z u mhux B;

[1] Fol. 44
[2] Fol. 56

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta’ Novembru 2015[3], Dr. Stephanie Borg tat ruħha b’notifikata għan-nom tal-Avukat Ġenerali sabiex b’hekk ġiet sorvolata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi permezz ta’ digriet iddatat l-4 ta’ Jannar 2017, ġew kjamati fil-kawża il-werrieta tad-defunta N P B għal kull interess li jista’ jkollhom, u b’hekk ġiet sorvolata it-tieni eċċezzjoni preliminari tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi it-tielet eċċezzjoni tad- Direttur tar-Reġistru Pubbliku hija waħda irriżorja stante illi d-dokument C ġie debitament anness mar-rikors ġuramentat promotur u huwa parti integrali mill-atti proċesswali; fi kwalunkwe każ, l-attur permezz tan-nota tiegħu tat-2 ta’ Marzu 2016, esebixxa mill-ġdid kopja legali tal-istess digriet biex b’hekk anke t-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku hija sorvolata;

Rat illi permezz ta’ digriet iddatat l-20 ta’ Ġunju 2017, il-Qorti awtorizzat iż-żieda fit-talbiet tat-attur, sabiex huwa talab ukoll illi l-Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-konvenuta C B, u b’hekk ġiet sorvolata l-għaxar eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Semgħet ix-xhieda;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

<u>FATTI</u>

[3] Verbal fol. 26

Illi l-attur kien iżżewweġ lil N P Chircop fl-1970. Illi f'qasir żmien il-konjuġi B isseparaw *de facto* u ffurmaw familja ġdida rispettivament. Illi huma kisbu s-separazzjoni legali permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2003.[4]

Illi fit-8 ta' Ottubru 1974, N P B welldet bint li ssemmiet C[5]. It-tarbija ġiet irreġistrata bħala bint żewġ ommha u cioe bħala bint l-attur A B, in vista li l-omm u l-attur kienu għadhom legalment miżżewġin. Illi l-attur qatt ma kien il-figura paterna fil-ħajja tal-konvenuta C B li dejjem trabbiet u ġiet mantenuta mill-kjamat in kawża J Z;

Illi N P B mietet fit-3 ta' Novembru 2007;

Illi permezz ta' digriet iddatat it-23 ta' Ġunju 2015[6], l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi, sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass ta' sitt xhur mit-twelid ta' C B.

Illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A B (K.I.106350M) m'huwiex il-missier naturali tal-konvenuta C B (K.I. 498674 M) imwielda nhar it-8 t'Ottubru 1974, iżda li l-missier naturali u bijoloġiku tagħha huwa l-kjamat in kawża J Z (K.I. 369345M) u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[7].

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[8], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

[4] Ċitazzjoni 1528/1998PS, fol. 5
[5] Ċertifikat tat-twelid relattiv huwa esebit fol. 10
[6] Kopja legali tiegħu tinsab esebita fol. 11
[7] Rapporti esebiti flimkien mal-affidavit tagħha fol. 48
[8] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata minn żewġ l-omm ("the husband") għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-konvenuta C B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri hija reġistrata bħala bintu, din m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat u minflok jitniżżel il-kliem "missier mhux magħruf" u/jew jitniżżlu l-konnotati tal-missier naturali.

Il-Qorti tifhem illi proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment mill-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess konvenuta ġiet imniżżla bħala l-wild naturali tal-attur A B, qua żewġ omm it-tarbija.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur m'huwiex il-missier bijoloġiku tal-konvenuta C B. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' l-ewwel talba attriċi.

Illi, iżda, dwar it-talba tal-attur u l-eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jitniżżlu l-konnotati tal-missier naturali fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-konvenuta C B minflok il-konnotati tal-attur, il-Qorti tirrileva li qua żewġ l-omm, l-unika azzjoni spettanti lill-attur hija dik ta' denegata paternita` illi permezz tagħha huwa jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu. M'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat. Dik l-azzjoni tispetta jew lill-istess missier naturali ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-omm ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-wild innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti qiegħda hawnhekk issegwi l-insenjament tagħha stess f'diversi kawżi fosthom fil-kawża fl-ismijiet <u>Pierre Galea vs. Antoinette Galea</u>

et[9], fil-kawża fl-ismijiet Jesmond Jason Cini vs. Marthese Cini et[10] u fil-kawża fl-ismijiet Marco Magro vs. N Magro Sacco[11].

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jissottometti illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tista' tiddikjara min huwa l-missier naturali tal-minuri. L-imsemmi Artikolu 149 jistipula:

***149. B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.***

Il-Qorti ma taqbilx illi l-artikolu ċċitat jista' japplika u jkollu rilevanza għall-każ odjern, u dana stante illi fl-ewwel lok l-artikolu qiegħed jitkellem fuq persuni taħt l-eta`, li m'huwiex il-każ fl-azzjoni odjerna, u fit-tieni lok l-imsemmi artikolu jifforma parti mil-liġi li titratta s-setgħat tal-ġenituri u mhux il-filjazzjoni tal-ulied. L-artikolu jagħmel part mis-Sub-titolu I tal-Titolu 4 u huwa ntestat "Fuq L-Effetti Tas-Setgħa Tal-Ġenituri Fuq L-Ulied Taħt L-Età". Ma tarax kif l-imsemmi artikolu li jitratta s-setgħa tal-ġenituri jista' jagħti s-setgħa lill-Qorti li f'kawża bħal din odjerna ta' denegata paternita`, tiddikjara min hu l-missier naturali tal-persuna mertu tal-kawża, fin-nuqqas ta' kontro-talba f'dan ir-rigward, sija mill-persuna konċernata, f'dan il-każ, C B u sija mill-missier naturali u bijoloġiku, f'dan il-każ J Z.

Il-Qorti inoltre tirrileva li minkejja li l-wild amettiet it-talbiet tal-attur u wkoll uriet ix-xewqa li tkun magħrufa bil-kunjom Z, il-kunjom ta' missierha naturali, fl-ebda stadju ma talbet lill-Qorti, anke permezz ta' xi kontro-talba appożita, sabiex J Z ikun iddikjarat bħala l-missier naturali u bijoloġiku tagħha, minkejja li dan huwa ikkjamat fil-kawża. Lanqas l-istess Z m'għamel dan permezz ta' kontro-talba appożita, minkejja li kellu wkoll l-

---

[9] Deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016 (Rikors Ġuramentat Numru 244/15AL)
[10] Deċiża fit-8 ta' Frar 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 228/13AL)
[11] Deċiża fl-4 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat Numru 94/13AL)

interess ġuridiku li jagħmel talba f'dan is-sens, kif ukoll kull opportunita` li jagħmel dan peress illi ġie msejjaħ fil-kawża.

Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li takkolji din l-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dana stante illi kemm l-attur kif ukoll l-istess Direttur m'għandhomx l-interess ġuridiku illi jagħmlu l-istess talba.

Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u li f'dan l-istadju tordna li l-konvenuta C B tkun dikjarata bħala "missier mhux magħruf", filwaqt illi tissolleċita lil kull min għandu interess ġuridiku sabiex jaġixxi ħalli ċ-ċertifikat tat-twelid tal-konvenuta C B jkun jirrifletti l-verita` li rriżultat mit-testijiet ġenetiċi u cioe illi l-kjamat in kawża J Z huwa l-missier naturali u bijoloġiku tagħha.

Illi rigward il-kunjom li għandha tassumi l-konvenuta C B, minkejja hija informat lill-Qorti li tixtieq tassumi l-kunjom Z, dan ma jistax iseħħ stante illi sal-lum legalment l-istess J Z m'għandu l-ebda relazzjoni legali magħha, anke jekk fattwalment huwa ippruvat mod ieħor. Għaldaqstant, il-Qorti, bl-applikazzjoni tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili[12], qiegħda tordna illi l-konvenuta C B tibqa', f'dan l-istadju, magħrufa bil-kunjom B.

## DEĊIDE

[12] Dana jistipula:
*"Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud tifel issir mir-raġel wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b)jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu,* (u cioe sitt xhur – miżjuda mill-Qorti) *kull sentenza li biha t-tifel jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjomtat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra."*

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi l-attur A B m'huwiex il-missier naturali tal-konvenuta C B ;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmija C B, innumerat erbat'elef disa' mija u sitta u tmenin tas-sena elf disa' mija u erbgħa u sebgħin (4986/1974), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur u minflok iniżżel "missier mhux magħruf";

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-istess att tat-twelid ta' C B, jikkanċella il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm;

4. Tordna illi l-konvenuta C B tibqa' magħrufa bil-kunjom B;

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi u xjentifiċi esebiti fl-atti tal-proċediment, ikunu sapportati in kwantu għal nofshom mill-kjamat in kawża J Z, u n-nofs l-ieħor, bejn it-tliet werrieta tad-defunta N P B (qua werrieta tagħa) u cioe il-konvenuta C B u l-kjamati in kawża G Z u M S.